# MESSAĠĠ TAL-MILIED 2016

## TWELID FQIR U IMWARRAB..... MIN HI DIN IT-TARBIJA??



Sfortunatament qed ngħixu f'dinja muġugħa. Min b'mard, min bi ġlied, min bil-mewt u l-firda, min nieqes mill-flus u affarijiet li huma essenzjali; din hi r-realta ta' xi wħud!

Irridu nammettu li hawn min jgħix il-ġurnata bla ferħ, bla paċi jew bla lussu. Ir-realta' tagħna tista' ma tkunx ta' oħrajn. Jista' jkun li aħna għandna kollox u xorta għandna Milied ta' xogħol, taħbit u stress. Bl-abbundanza ta' ikel u xorb, festini, rigali u ħwejjeġ sbieħ, xorta nħossuna xotti mill-ferħ! Ħares ftit sewwa u ilmaħ aktar minn Bambin f'maxtura miżera f'għar mal-annimali. Ilmah lil Alla li libes il-laħam tal-bniedem. Alla Ġie fostna bl-għerf u d-divinita' kollha Tiegħu. Kos xi ġmiel ta' pjan kellu!

Tgħid Twieled u m'għadux jimpurtana?

Tghid il-bniedem m'għadux jimpurtah minn dak li kellu f'moħħu Alla? Kif jista jkun?! Kif tista' tħalli l-istress u l-ġiri tal-istaġun itellfek minn ħaġa meraviljuza bħal din?

F'dak l-għar seħħet profeżija li kien għamel Isaija 687 sena qabel ma twieldet it-Tarbija.

Kif tista' tħalli l-Milied jiġi u jmur għal sena oħra u ma tieqafx tixtarr sewwa, x'qed niċċelebraw? Mhux is-siġra u r-rigali imgeżwra. Mhux id-dwal iteptpu, mhux is-*snowman* u ħafna tiżjin. Iżda dak li waslilna Isaija mijiet ta' snin ilu:

"***Araw, ix-Xebba titqal u tiled Iben u ssemmiH Ghimmanu-El."*** isaija 7 v 14. **<u>Alla Hu magħna</u>!!**

*-Joanne Pisani Spiritual development leader.*

